**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**


# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

## IT-TMIEN LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 61

Data tal-laqgħa: It-Tnejn 11 ta' Diċembru 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5.30 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:
Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Kunsillier
Lorraine Farrugia – *Minority Leader*
Joseph Zahra – Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):
Daniel Mallia – Viċi Sindku

### ASSENTI:
Ħadd ma kien assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 61.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

61.1.1 Kien hemm ittra ta' apoloġija waħda, li s-Segretarju Eżekuttiv irċeviet mill-Viċi Sindku Daniel Mallia b'imejl, li talab biex jiġi skużat għaliex minħabba mpenji personali oħra ma setax jattendi għas-seduta. Is-Sindku u l-Kunsilliera aċċettaw l-ittra ta' apoloġija tas-Sur Mallia.

## 61.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 60

61.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tas-sittin laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

61.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

61.2.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, l-minuti tas-sittin laqgħa ġew approvati unanimament.

## 61.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa tal-Lokalita nru 2 għas-sena 2023

61.3.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-laqgħa tal-lokalita nru 2 għas-sena 2023. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

61.3.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Korrezjonijiet ma kienx hemm.

61.3.3 Fuq proposta tal-Kunsillier Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia, dawn l-minuti tal-laqgħa tal-lokalita ġew approvati unanimament.

## 61.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

61.4.1 Is-Sur Dalli għamel referenza għal proġett li qed isir fit-tranġar tal-pavimentar f'parti minn Vjal it-Trasfigurazzjoni. Huwa spjega kif dan il-proġett wasal fl-aħħar fażi biex jiġi konkluż. Illum kompla x-xogħol ta' tindif, tikħil tal-kurduna u sealer tal-wiċċ tal-konkos. Jonqos biss ir-reinstatment fejn sar ix-xogħol tal-WSC. Hemm xi korrispondenza għaddeja bejn WSC u IM. Il-Ħlasijiet kollha saru u fadal l-aħħar ċertifikat tax-xogħlijiet. Dan isir meta jispiċċa l-proġett kollu.

61.4.2 Is-Sur Dalli tkellem dwar Triq Mons Ġ Fenech. Huwa spjega kif f'parti minn din it-triq daqt jibda proġett ta' tibdil tas-servizzi u anke jingħata wiċċ ġdid lil din it-triq. Jekk ma jinqala xejn hemm il-ftehim li dan il-proġett jibda fil-bidu ta' Jannar 2024. Bħalissa qed jinġiebu l-permessi meħtieġa biex dan il-proġett forsi isir malajr u bla skossi.

61.4.3 Is-Sindku tkellem dwar l-eżerċizzju li sar tat-tibdil tal-ID Card lil dawk ir-residenti li nbidlilhom l-isem tat-triq u li applikaw biex ibbidlu l-ID Card tagħhom bl-għajnuna tal-kunsill lokali. Is-Sur Dalli qal kif dan l-eżercizzju sar b'mod professjonali u kien hemm feedback tajjeb. Anke dawk li huma housebound ingħataw is-servizz tat-tibdil tal-ID Card mill-kumdita ta' darhom stess.

## 61.5 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

61.5.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 61.6 Korrispondenza

61.6.1 Is-Sinjura Farrugia staqsiet dwar korrispondenza b'numru 2023/507. Is-Sindku nfurmaha kif dik kienet korrispondenza mingħand resident li kellu xi problema bin-numru l-ġdid li ngħata tad-dar. L-amministrazzjoni għenet lil dan ir-resident billi sar kuntatt mad-door numbering unit biex ikun jista jassisti l-bżonnijiet tar-resident dwar din il-kwistjoni.

61.6.2 Is-Sinjura Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2023/508. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatha kif dik kienet imejl bejn il-Kunsill Lokali u l-Kunsill Reġjonali Lvant fejn ġie kklarifikat l-ammont li l-kunsill għandu bżonn biex tkun tista issir latrina awtomatika fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv, l-ammont ta' 100,000 EUR.

61.6.3 Is-Sur Ċini xtaq ikun jaf dwar xiex inhi korrispondenza numru 2023/519. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif residenta bgħatet korrispondenza lil Kunsill Lokali biex tirriservja parking space.

61.6.4 Is-Sinjura Farrugia staqsiet dwar korrispondenza numru 2023/523. Is-Sinjura Seguna spjegat kif riċenti l-kunsill lokali rċieva telefonata preokkupanti li kien hemm xi ħadd f'Ta Senna li qabad jaqta siġra taż-żebbuġ ġo għalqa privata. Minħabba din t-telefonata u minkejja li ġo art privata, l-kunsill lokali xorta għamel rapport mal-ERA biex issir spezzjoni.

61.6.5 Is-Sinjura Farrugia staqsiet ukoll dwar korrispondenza numru 2023/536 bl-isem 'Roosters fi Triq Antonio Azzopardi'. Is-Segretaru Eżekuttiv infurmata kif il-kunsill qed jirċievi ħafna lmenti mir-residenti dwar xi sriedaq u tiġieġ li qed jiġru fl-akwata Ta' Senna. Minkejja rapporti li saru mill-kunsill dwar dawn is-sriedaq mal-Animal Welfare u l-Pulizija, donnu l-ebda entita ma tista tagħmel xejn dwar dan il-każ.

61.6.6 Is-Sur Ċini staqsa dwar korrispondenza numru 2023/539 bl-isem 'Era bulky waste spot checks'. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmatu kif dik kienet imejl bejn il-Kunsill, ERA u l-Kunsill Reġjonali Lvant. ERA permezz tar-Reġjun talbet lil kunsill biex kull meta jkun ser jinġabar l-iskart goff mir-raħal, tinbgħat lilhom kopja tal-lista li jkun ġabar il-Kunsill bid-dettalji tan-nies, biex ikunu jistgħu jqablu l-iskart li jkun nstab u nħareġ fl-indirizz ma' dak li jkun hemm miktub fuq il-lista. Hija qalet kif bħala Segretarju Eżekuttiv ħassita fi dmir li tirrifjuta li tibgħat din l-informazzjoni biex tipproteġi d-data protection tar-residenti. Kien hemm aktar kunsilli filfatt li rrifjutaw milli jibgħatu din l-informazzjoni.

## 61.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjarji għas-sena 2024.

61.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku nfurmaw lil Kunsilliera kif sad-data tas-seduta, l-kunsill għadu ma rċeviex l-allokazzjoni finanzjarja mid-Dipartiment għas-sena 2024. Minħabba dan il-kunsill għadu mhux f'pożizzjoni li jkollu draft report li jirrifletti biċ-ċar l-estimi finanzjarji għas-sena 2024.

61.7.2 Minkejja dan is-Sindku nforma lil kunsilliera li bejn wieħed u ieħor l-estimi finanzjarji tas-sena 2024 ser ikunu simili ħafna għall-estimi tas-sena 2023, u mhux ser ikun hemm xi varjazzjonijiet kbar.

61.7.3 Is-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku żiedu jgħidu li għada anke ser jiltaqgħu mal-accountant il-ġdid li ġie awarded it-tender biex jitħadtu anke miegħu dwar il-kumpilazzjoni ta' dan ir-rapport. Il-Kunsilliera ser jinżammu nfurmati.

## 61.8 *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

61.8.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-performance appraisal reports tal-ħaddiema klerikali</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda kopja tal-*appriasal performance reports* tal-ħaddiema klerikali għas-sena 2023, għall-approvazzjoni tas-Sindku u l-Kunsilliera.

61.8.1.2 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil kunsill li għas-sena 2023 b'kollox iridu jiġu kkunsidrati ħames (5) *appriasal reports*:

- Tas-Sinjura Dorianne Bonniċi Bondin fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' assistent prinċipal għal perjodu minn Jannar sa Diċembru 2023;
- Tas-Sinjura Diane Abela Penza fuq il-*performance* li hija tat fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv għal perjodu minn 01 Jannar sa 24 Ottubru 2023;
- Tas-Sur Roderick Debono fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu minn 01 Jannar sa 03 Lulju 2023;
- Tas-Sur Francesco Scicluna fuq il-*performance* li huwa ta fil-pożizzjoni ta' Uffiċċjal Eżekuttiv għal perjodu minn 02 Ottubru sa Diċembru 2023; u
- Tas-Sinjura Nicolette Mallia fuq il-performance li hija tat fil-pożizzjoni ta' Skrivan għal perjodu minn 20 Novembru sa Diċembru 2023.

61.8.1.3 Bħala Segretarju Eżekuttiv, is-Sinjura Pamela Seguna tkelmet fuq dawn l-*appraisal reports* u hija pproponiet li l-ħaddiema klerikali kollha msemmija jingħataw rapport tajjeb bil-*full performance bonus* ta' 6%, dan abbażi tal-

*performance* eċċellenti li huma taw fil-pożizzjoni tagħhom matul is-sena 2023. Il-Kunsill lokali għandu tijm amministrattiv ferm tajjeb u produttiv fi xogħlu.

61.8.1.4 Il-Kunsill unanimament approva dawn l-appraisal performance reports kif ġie rrakkomandat mis-Segretarju Eżekuttiv. Minkejja li dawn ir-rapporti diġà ġew approvati l-impjegati xorta ser jingħataw il-performance bonus mal-paga ta' Jannar 2024, kif suppost għandu jsir.

61.8.2.1 <u>Tender opening report – Servizz Professjonali ta' Perit</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda tal-kunsill kopja tal-opening report tat-tender tal-perit. Kopja ta' dan ir-rapport intbagħat lil Kunsilliera qabel il-laqgħa.

61.8.2.2 Is-Sinjura Seguna spjegat lil Kunsilliera kif llum nfetħu l-offerti għal din it-tender u b'kollox il-kunsill irċieva sitt offerti. Dawn l-offerti issa ser jibdew jiġu evalwati mill-bord. Aktar dettalji l-quddiem wara li titlesta l-evalwazzjoni.

61.8.3.1 <u>Tender Evaluation report – Servizz tal-knis</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsilliera kif l-evalwazzjoni biex jiġi awarded tender ġdid għas-servizz tal-knis għada għaddejja. Il-Bord kumbinazzjoni ser jerġa jiltaqgħa għada biex titkompla din l-evalwazzjoni. Is-Sinjura Seguna fakkret li għal dan is-servizz mhux ser tintagħżel l-irħas offerta għaliex it-tender inħareġ BPQR. Hija kompliet tispjega kif b'kollox il-kunsill irċieva 7 offerti u dawn qed jiġu evalwati. Diment li l-kuntratturi kollha nteressati tefgħu l-offerti tagħhom komplutli l-bord appena jiddetermina dan, jiproċedi billi jirrakkomanda l-aqwa offerta skond il-kriterji mitluba fid-dokument tat-tender.

61.8.3.2 Is-Sa Seguna qalet li appena titlesta l-evalwazzjoni hija ser tagħmel ir-rapport u tibgħat kopja tiegħu lil kunsill kollu. Talbet għall-approvazzjoni tas-Sindku u il-kunsilliera biex tkun tista tmexxi minnufih skond id-deċizjoni tal-bord, peress li dawn is-servizzi huma bżonnjużi u biex ma jkunx hemm aktar telf ta' ħin biex jingħata l-award lil kuntrattur il-ġdid. Il-Kunsill unanimament approva li ser ikun qed jimxi fuq l-pariri u deċiżjoni tal-bord tal-evalwazzjoni.

61.8.3.4 Is-Sa Seguna qalet li f'każ li hija tara li l-evalwazzjoni ser iddum ħafna biex titlesta, hija ser terġa tavviċina lil Kunsill biex jiġi determinat ikunx il-bżonn u jekk tkunx ix-xewqa tal-kunsill, li ssir estenzjoni żgħira mal-kuntrattur eżistenti, biex il-kunsill ma jispiċċax mingħajr knis fir-raħal. Il-Kunsill unanimament approva li ssir estenzjoni f'każ li jkun hemm dewmien biex tiġi ffinalizattha l-evalwazzjoni.

61.8.4.1 <u>Talba biex tiġi nstallatha sleeping policeman fi Triq Sant Andrija</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku għarfet lil kunsill kif saret proposta biex tiġi nstallatha sleeping policeman fi Triq Sant Andrija.

61.8.4.2 Il-Kunsill unanimament qabel dwar din il-proposta u ser tintbagħat għall-approvazzjoni ta' TM.

61.8.5.1 <u>Talba għall-installazzjoni ta' mera fi Triq Annibale Preca</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv għarfet lil kunsill kif tressqet proposta biex issir mera fi Triq Annibale Preca u tiġi nstallatha oħra faċċata entratura tal-garaxxijiet għax residenti li joħorġu mill-garaxxijiet ma jkunux jistgħu jaraw l-karozzi li jkunu ġejjin minn naħa ta' fuq ta' Triq Annibale Preca.

61.8.5.2 Is-Sinjura Farrugia qalet li din il-mera qed tintalab li teħel mal-bankina viċin Villa Ateni. Is-Sindku spjega kif dawn l-istess residenti diġà anke avviċinaw lilu u però l-mera ttalbet biex teħel faċċata ma' Sqaq it-Tut biex r-residenti huma u ħerġin mill-garaxx ikunu jistgħu jaraw l-karozzi li jkunu ġejjin minn naħa ta' Triq Annibale Preca. Filfatt din it-talba kienet diġà ġiet diskussa fi seduta oħra u l-kunsill anke ġab l-approvazzjoni ta' TM. Is-Sindku ser jikko-ordina mal-ħaddiema biex tiġi nstallatha din l-mera fuq l-post.

61.8.6.1 <u>Devoluzzjoni tal-Ġnien Ċentru Rikreattiv</u>
Is-Sindku Anthony Dalli ressaq proposta biex il-common public areas tal-ġnien ċentru rikreattiv, apparti il-pitch tal-boċċi, il-pitch tat-tennis, il-pitch tal-5-a-side u l-klabb tal boċċi, jiġu devoluti lil Kunsill Lokali. Il-Kunsill Lokali diġà huwa responsabbli li jieħu ħsieb it-tindif fil-common public areas tal-ġnien, allura huwa xieraq li dawn l-areas jkunu anke tal-Kunsill Lokali. Kemm il-darba jaqbel il-Kunsill lokali kollu din id-devoluzzjoni ssir bili timtela formula mal-Lands Authority u l-ispiża ta' din id-devoluzzjoni hija biss ta' 500 EUR fis-sena.

61.8.6.2 Il-membri kollha preżenti ma sabux oġġezzjoni dwar din il-proposta u qablu unanimament mas-Sindku. L-amministrazzjoni ser tkun qed taħdem fuq din l-applikazzjoni.

## 61.9 Milied 2023

61.9.1 Is-Sindku spjega kif il-preparazzjonijiet tal-attivitajiet tal-Milied mixjin tajjeb ħafna. Is-Sur Dalli kompli jgħid kif illejla ser jinxtgħelu s-siġar li ġew armati fi Vjal it-Trasfigurazzjoni. L-aħħar biċċa biss jaf ma tkun mixgħulha għaliex hemm bżonn ta' xiri ta' aktar dawl. Filfatt is-Sindku u l-kunsilliera kollha qablu biex jinxtraw daqsxejn settijiet tad-dawl oħra biex is-siġar kollha jkunu finalment mixgħulha.

61.9.2 Is-sinjura Farrugia talbet konferma jekk mhux ser tintrema s-siġra tal-Milied li s-soltu jarma l-kunsill fil-Pjazza. Is-Sindku kkonferma kif le, għal din is-sena din is-siġra mhux ser tkun qed tintrama. Minnflokk fil-Pjazza jekk kollox jirnexxi suppost ser ikun qed jintrama presepju. Is-Sindku qed jittama li l-persuna li suppost kellha tarma l-presepju, tagħmel kuntatt mal-kunsill għaliex għal xi raġuni jew oħra ma tantx baqa kuntatt.

61.9.3 Is-Sindku kompla jgħid kif għall-ikla tal-Milied tal-anzjani ta' nhar il-Ġimgħa 15 ta' Diċembru, bħala preparamenti mixja ukoll sew u baqa anke umbgħad l-attivita tal-mother christmas. L-attivita tal-Mother Christmas ukoll mixja sew għax il-kunsill diġà għandu xi rigali ukoll.

61.9.4 Dwar l-ikla tal-istaff tal-Kunsill, is-Sindku talab lil Kunsiliera biex kemm jista jkun malajr jinfurmaw lis-Segretarju Eżekuttiv bil-platti li għażlu mis-set menù biex issir booking kif suppost mar-restorant ikkonċernat.

61.9.5 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera ukoll li ntbgħatet siġra żgħira minn Kastilja, parti mill-inizjattivita tar-Rigal b'imħabba. Din is-Siġra tpoġġiet f'post aċċessibbli minn kulħadd fil-pjazza in-naħa tal-letter box u l-Ispiżerija biex residenti minn Ħal Lija li jixtiequ jpoġġu xi rigali taħta għal dawk it-tfal li l-familji jew kustodji tagħhom m'humiex f'qagħda li jixtrulhom rigal fil-Milied jkunu jistgħu jagħmlu dan. Residenti jistgħu jpoġġu ir-rigali tagħhom bejn it-12 u l-20 ta' Diċembru u fl-21 ta' Diċembru l-Kunsill huwa mistieden li umbgħad jpoġġi dawn ir-rigali li jinġabru mill-lokalita taħt is-siġra tal-Milied fi Kastilja. Is-Sindku talab lil Kunsilliera jinfurmaw lir-residenti b'din l-inizjattivita kemm il-darba jiġu avviċinati u l-kunsill anke ser jara kif forsi titella post fuq FB dwar din l-inizjattivita.

*Il-ħin kien 5:53pm x'ħin wasal għas-seduta l-Kunsillier Joseph Zahra.*

## 61.10 Festival Taċ-Ċitru 2024

61.10.1 Il-preparamenti għall-Festival taċ-Ċitru 2024 bdew u mixjin sew ukoll. Is-Sindku spjega kif waħda mill-affarijiet li saret hija li instab organizer tal-affari tiegħu li lest jaħdem mal-Kunsill biex tiġi organizzata il-loġistika ta' din l-attivita. Is-Sinjura Seguna spjegat kif din il-persuna kull ma trid ta' dan ix-xogħol huwa ħlas ta' 200 EUR u hemm ukoll il-ħlas tal-fjuri li bihom ser tkun qed issir arma kbira ta' Ħal Lija fuq xewqa tas-Sindku, li dan l-ammont ikun jista jiġi ddeterminat aktar l-quddiem. Il-membri kollha preżenti tal-Kunsill ma sabux oġġezzjoni u aċċetaw din il-kwotazzjoni mgħottija mill-organizer.

61.10.2 Is-Sinjura Farrugia qalet li hija għadha qed titħadded mal-Kok biex tara jkunx jista jattendi. Is-Sindku qalla biex ma tħabbilx rasha jekk ma jirnexxilix, biss tinforma lil Kunsill minnufih ħalli jekk filkas is-Segretarju Eżekuttiv tagħmel kuntatt mal-kok tas-sena l-oħra, mal-Malta Chefs Society.

61.10.3 Is-Sur Dalli qal ukoll kif waqt il-Festival suppost ser ikun hemm preżenti ukoll tal-Ingwardja u l-Pulizija. Ġew invitati ukoll il-Pulizija tal-kavallarija. L-EKO Skola ukoll ġiet invitata tattendi, però din nfurmat lil Kunsill li mhux ser tkun qed tattendi.

61.10.4 Is-Sur Dalli qal kif l-amministrazzjoni ordnat l-istall kif issir is-soltu mill-MTA u talab lis-Segretarju Eżekuttiv biex tieħu ħsieb ukoll jiġu ordnati l-imwejjed mingħand Farsons bħas-sena l-oħra.

61.10.5 Is-Sindku qal kif anke sab dancing school minn Għawdex li jaf tipparteċipa fil-festival. Sintendi mistiedna ukoll tattendi l-banda ta' Ħal Lija u anke ġie avviċinat tal-ħaxix biex jekk irid jista jarma. Sar anke kuntatt ma' Bonaċi tal-ħelu. Is-Sur Dalli qal kif il-preparamenti għaddejjin b'ritmu sew u aktar preparamenti ser ikomplu fil-ġranet li ġejjin. Huwa ser iżżom lil Kunsilliera aġġornati.

## 61.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

61.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 12/23 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €129.38 għax-xahar ta' Novembru.

61.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 12/23) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kunsillier Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Joseph Zahra. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-sindku u s-sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 61.12 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

61.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet kif applikazzjoni alarmanti riċenti ma kienx hemm.

## 61.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

61.13.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lil Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

61.13.2 Is-Sur Zahra qal li ra żewġ pallettes fi Vjal it-Trasfigurazzjoni biex forsi jitneħħew. Is-Sindku nfurmah kif anke hu rahom u diġà nforma lill-amministrazzjoni biex jitneħħew mill-kuntrattur tal-iskart goff.

61.13.3 Is-Sindku Anthony Dalli nforma lil Kunsilliera kif fil-ġnien l'hemm u l'hawn hemm xi ġebel mitluq li jagħmel ikrah. Huwa tal-parir li xi darba jinġieb skip żgħir u affarijiet bħal dawn jitneħħew mill-ġnien bl-għajnuna tal-ħaddiema tal-Kunsill. Il-Kunsilliera ma jsibux oġġezzjoni li jsir hekk.

61.13.4 Is-Sindku, is-Sur Dalli, nforma lil Kunsilliera li kif tħabbar fl-aħbarijiet, suppost daqt jerġgħu joħorġu fondi tal-LESA. Huwa tal-parir li jekk ikun permess skond iċ-ċirkulari, il-Kunsill japplika biex isir embellishment fil-ġnien ċentru rikreattiv, fejn jingħata face lift u jinbidel il-pavimentar tal-ġnien. Il-Kunsilliera ma sabux oġġezzjoni.

61.13.5 Is-Sinjura Lorraine Farrugia fakkret jekk jistax jiġi rranġat il-fence li hemm fil-passaġġ ġol-ġnien li jieħdok għal Triq Karlu Darmanin. Ukoll hija reġgħat talbet jekk mhux possibbli jitneħħa l-bin li hemm fl-istess passaġġ ġol-ħamrija. Is-Sindku nfurmaha kif issa appena l-common areas tal-ġnien jkunu devoluti lil Kunsill, issir it-tiswija meħtieġa.

61.13.6 Is-Sur Ċini staqsa jekk mhux ser jitneħħa l-ħwat li hemm imkisser fil-Ġnien. Is-Sindku nfurmah kif iva dak ser jitneħħa u qed jiġri kontinwament wara l-persuna li kkommettiet ruħa biex tgħin lill-kunsill ineħħi u jirranġa dan il-ħwat.

61.13.7 Is-Sur Ċini staqsa jekk fi Vjal it-Trasfigurazzjoni kantuniera ma' Triq il-Mosta, eżatt fejn tispiċċa l-bankina bil-pavimentar il-ġdid, jistax isir bin. Is-Sindku nfurmah kif il-Kunsill mhux awtorizzat iweħħel bins fi Triq il-Mosta għaliex dik hija triq arterjali. Il-bin jekk filkas irrid jitweħħel aktar il-ġewwa fi Ħal Lija. Is-Sur Dalli kompla jgħid kif faċċata fuq in-naħa l-oħra tal-bankina diġà hemm bin ieħor però ma jsibx oġġezzjoni li jitweħħel ieħor fuq il-bankina l-oħra kif ġie rikjest.

61.13.8 Il-Ħin kien 6:11pm x'ħin ntemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 09 ta' Jannar 2024 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fl-5:30pm mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 09 ta' Jannar 2024.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |